# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru tlieta u erbghin (43) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, li nzammet nhar it-Tlieta, 23 ta' Gunju, 2015 fis-6:55pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, (KLM).

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

| | | |
|---|---|---|
| SKUZATA | Anita Farrugia (li nfurmatna li ma tistax tattendi) | Kunsillier |

1. Il-laqgħa bdiet tard aktar milli skedat fl-agenda għaliex is-Sindku kienet il-laqgħa tar-Reġjun Nofs-in-Nhar. Intant is-Sindku spjegat dwar is-*share of profits* bejn l-14-il Kunsill Lokali permezz ta' skemi inawgurati mill-istess reġjun.

**PUNTI MILL-MINUTI.**

2. Il-KLM approva d-dokument tal-offerta tal-*Accountant* u mat-*tasks* se nżidu li dan is-servizz se jkun jinkludi l-*inputting of day to day transactions* u wkoll ir-*reconciliations* mal-banek, f'*Updating* paġna 14. Se jkun hemm bdil fil-kelma *posting* ma' *reviewing the* postings to assess correctness of data input, fl-istess paġna 14.

3. Dwar l-arbli tal-Go plc biex magħhom jitqabbdu lanterni ġodda tal-Korporazzjoni Enemalta f'Ta Għadajma, għadna mingħajr risposta.

4. Grace Marie Mallia esebiet minn fuq il-*mobile* ritratt ta' karozzi ipparkjati ħażin fuq il-bankini fi Triq Valletta fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-Iskola.

5. Dwar il-proposti fejn se jitwaħħlu *bins* tal-ħmieġ tal-klieb kienu identifikati siti fejn l-Iskola, u fejn is-siġar il-kbar fi Triq Valletta, Triq San Mikiel, Triq il-Qrendi, Triq it-Torri u Triq Xandru Farrugia. Madankollu jinħass li trid issir kampanja edukattiva; liema punt kien imqajjem mis-Sindku fil-laqgħa tar-Reġjun Nofs-in-Nhar. Il-KLM se jsib xi stimi għal dawn ir-reċipjenti filwaqt li se ninsistu biex ikun hawn il-preżenza tal-*GreenWardens*. Il-KLM se jagħmel kuntatt ma' *Greenpak Co-op* biex nara jekk għandhomx xi ħaġa huma għall-ħmieġ tal-klieb u anke f'dak li hu materjal bħala kampanja edukattiva. Se tkun ikkuntattjata wkoll Ms Moira Delia biex tgħin fil-kampanja li se jagħmel il-KLM.

6. Kien hemm diskussjoni dwar kif se jitqassmu €1000 mir-Reġjun Nofs-in-Nhar f'dak li hu tagħmir għall-persuni b'diżabilita' peress li kien imsemmi fil-minuti tas-seduta preċedenti li dawn lanqas jistgħu jinqdew fil-latrina pubblika tal-Imqabba. Madankollu is-SE kien mitlub sabiex jaħdem fuq l-applikazzjoni biex

tkun konvertita l-istess latrina f'sit aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' f'dik li hija skema nazzjonali bl-isem *Accesisbility* +.

7. Dwar il-proposti li kienu saru biex il-Berġa tal-Gvern tal-Imqabba jsirilha xi titjib, il-KLM se jkun qed jaħdem fuq dan il-proġett fiż-żmien li ġej u b'mod immedjat se jibda' x-xogħol ta' rinovament fil-librerija billi dan ix-xogħol se jkun inawgurat mill-KLM fl-14 ta' Lulju, 2015.

8. Kien hemm diskussjoni dwar il-qliegħ mill-Bar għall-każini tal-banda u dak tal-Futbol fil-Festa Ravjul. Il-qliegħ se jinqasam lil kull każin billi dawn se jingħataw €145 lil kull wieħed.

9. Dwar il-mawra fi Sqallija tas-6 ta' Ġunju, 2015, Grace Marie Mallia kellha kliem ta' tifħir u qalet li dawk li ġew huma *looking forward* li jerġgħu jitilgħu fil-futur. Hija qalet li permezz ta' din il-ħarġa, ippromovejna l-kultura billi dawn żaru diversi mużewijiet bħal dak tal-arti sagra, tal-għasafar u taż-żejt, fejn mill-indikazzjonijiet li għandha, dawn xtraw ukoll xi prodotti taż-żebbuġa. Hija qalet li rnexxielha takkwista biljett mingħajr ħlas fejn dan mar biex tħallas tal-*coach* u ttieħdu €3 mill-*Petty Cash* biex kien kopert il-ħlas tat-trasport f'Malta.

10. Dwar il-ħmieġ fil-*bus shelters*, se nibqgħu ninsistu mal-kuntrattur biex dawn inaddafhom filwaqt li se tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru tat-Trasport (Onor Joe Mizzi) kif ukoll ta' Transport Malta (is-Sur James Piscopo). Intant is-Sindku qalet illi għandna nibgħatu n-nies tagħna biex jitnaddfu l-*bus-shelters* prinċipali.

11. Dwar it-talba mill-*Executive Officer* lill-KLM biex tilħaq *Assistant Principal*, il-KLM għadu qed janalizza l-*collective agreement* iffirmat mill-Union viz a viz r-regolamentazzjoni tal-ħaddiema taċ-ċivil stabbiliti mill-PAHRO.

12. Dwar il-proposta ta' *skip* fil-bini tal-KLM biex jibdew jinġabru l-ħwejjeġ użati minn *Refab Ltd,* ġie deċiż li din titpoġġa fl-intrata komuni. Dan għaliex mhux qed ikun ikkunsidrat illi titpoġġa barra t-triq għaliex in-nies jibdew jitfgħu l-iskart fiha.

13. Dwar il-*U-shape barrier*, il-ħaddiema tal-KLM ma kienux tal-ideja li din titpoġġa fuq il-*hardstone* u l-*lava* li kienet tagħmel parti mill-proġett tal-Mentna. Intant, Grace Marie Mallia qalet illi dan it-tali jridha fi Triq il-Qrendi viċin ir-residenza tiegħu (jew faċċata).

**AGENDA**

14. Is-Sindku qalet illi għar-rinovament tal-librerija pubblika qed issir ko-ordinazzjoni mas-Sur Steve Borg bil-għan li jiġu katalogati l-kotba ġodda filwaqt li tingħata dehra ġdida lil-librerija b'mod li din issir aktar attraenti. Hija qalet li s-Sinjura Michelle Muscat, il-mart il-Prim Ministru ta' Malta se tkun mistiedna għal din l-attivita' fejn se taqra silta lit-tfal li jattendu. Il-KLM estenda l-istedina lill-Ministru u s-*Shadow Minister* tal-Edukazzjoni, għall-14 ta' Lulju. Hija qalet illi

fost il-kotba li nxtraw hemm minnhom addattati għat-tfal u anke saħansitra tat-tisjir. Madankollu l-proġett se jkun qed jinkorpora fih iż-żebgħa tal-ħitan tal-librerija pubblika u peress li din mhix xi *major structural change* il-Kap tal-Iskola m'għandiex għalfejn toġġezzjona. F'dan il-waqt Paul Spiteri semma' li l-ewwel prijorita' ta' din il-leġislatura għandha tkun li jitħallsu l-kredituri tal-leġislatura preċedenti, kif ukoll jitħallas ix-xogħol tal-bandli. Charlene Zammit qalet li mhux se nonfqu xi €10,000, filwaqt li skont Grace Marie Mallia, qalet li tajjeb li jkun hemm budget biex nimxu miegħu. Il-KLM ma kellu l-ebda oġġezzjoni għall-ispiża għar-rinovament tal-librerija. Is-Sindku qalet illi se napplikaw għall-iskema tat-*traineeship* fejn se nkunu nistgħu inġibu ħaddiem għal tliet xhur, biex jgħin fix-xogħol tal-KLM.

15. Kienet approvata l-applikazzjoni li se tkun sottomessa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali magħrufa bħala dik tal-iSkema ta' Restawr kif ikkupjata fl-*e-mail* mal-agenda.

16. Bħala evalwazzjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, is-Sindku qalet li id-delegazzjoni minn Anticoli Corrado ġiet iżżur l-Isptar il-Qadim, nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju, u saritilna stedina biex ningħaqdu magħhom f'Settembru fil-festa tagħhom fl-Italja. Hija qalet li rridu naraw jekk hux vijabbli li mmorru għal din il-festa.

17. Charlene Zammit qalet li bejn il-Ġimgħa u s-Sibt hija għamlet sat-0300hrs fl-Għassa tal-Pulizija minħabba permess ta' *kiosk* fil-festa. Hija qalet illi l-pulizija kellmuha fuq il-permess tal-posta 24, mogħtija mill-KLM lis-Soċjeta' Sta Marija, eżatt fejn jitla' n-nar tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, illi skont il-pulizija kienet qed toħloq tensjoni bejn il-partitarji taż-żewġ festi. Hija rrappurtat dak li qalilha l-Ispettur Pulis, illi meta jitla' murtal ħażin jew ieħor tajjeb, ikun hemm min jinbex lill-avversarji. Is-Supritendent Sandro Gatt qalilha li għal raġunijiet ta' sigurta' talabha biex tirtira l-permess. Madankollu is-Sibt fil-għodu s-SE ikkonsulta mas-Sindku fejn dawn sabu li f'artiklu 10, huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li jista' jirtira saħansitra kull permess mogħti mill-KLM minħabba *buon ordni.* Il-KLM kien infurmat permezz ta' *e-mail* mill-Pulizija illi kien irtirat il-permess ta' posta 24 assenjata lis-Soċjeta Santa Marija. Il-KLM dak in-nhar offra posta oħra aktar lura lejn Triq Valletta, dejjem fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija fejn kien ukoll ippjanat li ssir majjalata mis-Soċjeta' Sta Marija (mhix *fast food*) lejlet il-festa tal-Madonna tal-Ġilju, liema posta ġiet rifjutata mis-Soċjeta' għax intqal li din ma kienetx waħda ċentrali. Fost l-alternattivi offruti mill-KLM, kien hemm il-posta li tkun assenjata lis-Soċjeta' Muzikali Madonna tal-Ġilju fil-festa ta' Santa Marija, iżda din l-alternattiva wkoll ġiet rifjutata. Intant hemm il-pjan illi jintlaħaq *gentlemen's agreement* sabiex il-każini tal-banda ma jarmawx fil-festa ta' xulxin. Grace Marie Mallia qalet li l-ideja li jkollhom kabbana dejjem kienet biex jaqilgħu xi ħaġa tal-flus. Hija qalet li għandna ninsistu mal-Pulizija illi l-permess għandu jibqa' jingħatalhom basta li dawn jinkrew lil terzi persuni u mhux jaħdmuh huma.

18. Dwar it-tindif tat-toroq ma kienx hemm problemi filwaqt li *warden* ma għamilx xogħolu sew lejlet il-festa u se jitnaqqas mill-kont is-servizz tiegħu. Il-kabbani kienu mudura mill-gwardjani u minkejja li dawn ma qalulna xejn, jidher li tal-ġugarelli ħarġu fi Triq Karmenu Ciantar u ma baqgħux fi Triq id-9 ta' April. Kienu mitluba l-barrikati biex jingħalqu t-toroq, u nhar il-festa f'nofs-in-nhar iċ-ċavetta tal-*istores* ma nstabitx. Il-bandisti kienu mogħtija *drink* mill-KLM, filwaqt li l-latrina pubblika se nibdew inżidulha l-ħin tal-ftuħ fit-tridijiet tal-festa biex ma jkunx hemm diffikultajiet.

**Punti Oħra:**

19. Grace Marie Mallia, qalet illi s-Sedqa jixtiequ jorganzzaw korsijiet tal-parental skills, fil-lokalita' tagħna u se nġibu avviz fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Dawn hu ttamat li jkunu organizzati fil-Isptar il-Qadim.

20. Issemma' l-irdim ħafna 'il fuq minn kif suppost fl-inħawi ta' Triq it-Torri Vincenti u Triq Valletta. Hawn sar aċċenn għal *Notifika ta' Nfurzar* mill-MEPA.

21. Dwar is-sezzjonijiet fil-lokalita' tal-*Learn and Read* għal tfal, għad trid tinġieb aktar informazzjoni fi ħdan il-KLM. Dan sabiex naraw jekk nistgħux nimplimentawha fil-lokalita' tagħna.

22. Il-KLM ser ikun qed iwieġeb għall-ittra uffiċjali taħt artiklu 166A tal-kodiċi ċivili li permezz tagħha l-kumpanija Schembri Barbros interpellat lill-KLM għall-ħlas ta' circa €8,000. Dan huwa wieħed mill-kredituri tal-proġett tal-Mentna li fih kienu involuti flejjes mill-Unjoni Ewropeja u ssemma' diversi drabi fil-laqgħat tal-KLM, peress li kien xogħol tal-*Go plc* li għal bidu ma kienx rikonoxxut mal-ispiża tal-proġett kapitali ta' Miżura 313.

23. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar is-16 ta' Lulju, 2015 fis-6.30pm, filwaqt li din il-laqgħa intemmet fid-9:00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar is-16.6.15 minn Dr Charlene Zammit
Segretarju Ezekuttiv Sindku